

Brussell, 9 ta' Ġunju 2026
(OR. en)

10345/26

MAR 88
TRANS 399
JAI 801
POLMAR 51

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

fi: 8 ta' Ġunju 2026

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 9714/26

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija Portwarja tal-UE

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija Portwarja tal-UE, kif approvati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu li saret fit-8 ta' Ġunju 2026.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija Portwarja tal-UE

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

WARA LI KKUNSIDRA

- il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija Portwarja tal-UE¹;
- il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija Marittima Industrijali tal-UE²;
- il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-"Settur tat-Trasport fuq l-Ilma tal-UE – Prospettiva futura: Lejn Settur tat-Trasport fuq l-Ilma tal-UE b'livell newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju, l-ebda aċċident, awtomatizzat u kompetittiv"³;
- il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-"Trasport bin-Navigazzjoni Interna – naraw il-potenzjal tiegħu u nipromwovuh!"⁴
- il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija Marittima Industrijali tal-UE⁵;
- il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Prijaritajiet għall-politika tal-UE dwar it-trasport marittimu sal-2020: Kompetittività, Dekarbonizzazzjoni, Diġitalizzazzjoni biex jiġu żgurati l-konnettività globali, suq intern effiċjenti u settur marittimu ta' livell dinji"⁶;
- il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Patt Ewropew għall-Oċeani⁷;
- Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sigurtà Marittima⁸;
- Id-Dikjarazzjoni ta' Lefkosia tal-Ministri tal-Unjoni Ewropea responsabbli għall-Affarijiet Marittimi dwar it-Tisħiħ tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ tal-Baħħara u l-Promozzjoni tal-Parteċipazzjoni Ugwali tan-Nisa fl-Industrija tat-Tbaħħir;

1 Id-dokument ST 6926/26
2 Id-dokument ST 6987/26
3 Id-dokument ST 8648/20
4 Id-dokument ST 15144/18
5 Id-dokument ST 10350/26
6 Id-dokument ST 9976/17
7 Id-dokument ST 15807/25
8 Id-dokument ST 9946/21

1. JILQA' l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Istrateġija Portwarja tal-UE bħala qafas komprensiv li jindirizza l-isfidi ewlenin li jiffaċċaw il-portijiet Ewropej, kemm il-portijiet tal-baħar kif ukoll dawk interni, fir-rigward tal-kompetittività, is-sostenibbiltà, ir-reżiljenza, is-sigurtà, il-governanza tad-diġitalizzazzjoni u l-aspetti soċjali, li jibni fuq il-Politika tal-Portijiet tal-2013; JISĦAQ fuq l-importanza ta' implimentazzjoni proporzjonata u effiċjenti u li jkunu evitati piżijiet amministrattivi u finanzjarji mhux meħtieġa f'konformità mal-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar.
2. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tivvaluta l-effiċjenza tal-fora eżistenti fil-livell tal-UE għall-implimentazzjoni ta' din l-istrateġija u, jekk ikun meħtieġ, li toħloq oħrajn ġodda.
3. JIRRIKONOXXI li l-portijiet Ewropej jimmaniġġaw aktar minn 74 % tal-merkanzija li tkun dieħla jew ħierġa mill-Ewropa u madwar 395 miljun passiġġier fis-sena, li jġġenera valur ekonomiku u impjegi sinifikanti; JIRRIKONOXXI li r-rwol strateġiku tal-portijiet espanda biex jinkludi t-tranżizzjoni tal-enerġija, l-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, ir-raggruppamenti industrijali, il-mobbiltà u s-sigurtà militari, inkluż l-esponiment għall-kriminalità organizzata, it-theddid ibridu u t-traffikar illeċitu li jaffettwa r-reżiljenza u l-integrità tal-ktajjen tal-provvista; JENFASIZZA d-diversità tal-ekosistemi portwarji, inkluż il-karatteristiċi ġeografiċi, klimatiċi u operazzjonali.
4. JIRRIKONOXXI li dawn huma portijiet marittimi li, minħabba fil-pożizzjoni unika tagħhom, huma partikolarment esposti għal theddid estern, ta' natura militari u ġeopolitika, li joriġinaw minn barra l-UE; JIRRIKONOXXI, għaldaqstant, li l-portijiet marittimi, għandhom ħtiġijiet speċifiċi determinati minn dawn il-fatturi esterni; JAPPELLA għal strumenti tal-UE li jservu ta' appoġġ għall-portijiet marittimi.
5. JIRRIKONOXXI r-rwol speċifiku tal-portijiet interni bħala komponenti integrali tan-network TEN-T, li jikkontribwixxi għal-loġistika multimodali, id-dekarbonizzazzjoni tat-trasport u r-reżiljenza tal-ktajjen tal-provvista; JAPPELLA għal approċċ politiku differenzjat u proporzjonat li jirrifletti l-karatteristiċi speċifiċi tagħhom.
6. JIRRIKONOXXI li l-portijiet fil-gżejjer (bħall-proponenti istituzzjonali ewlenin tal-politika tal-Unjoni dwar l-insularità), dawk kostali, fir-reġjuni ultraperiferiċi u fil-Pajjiżi u Territorji Ekstra-Ewropej għandhom rwol strateġiku għat-territorji tagħhom; JIRRIKONOXXI li dawn il-portijiet huma partikolarment esposti għal pressjoni kompetittiva, għal riskji relatati mal-klima u s-sigurtà, u li l-portijiet żgħar u ta' daqs medju, inkluż dawk f'reġjuni skarsament popolati, jiffaċċaw sfidi simili.

7. JISTIEDEN appoġġ immirat u flessibbli fi ħdan l-istrumenti tal-UE rilevanti, b'kont meħud tal-karatteristiċi speċifiċi ta' dawn il-portijiet, inkluż ir-rwol tagħhom fis-sigurtà tal-provvista u l-mobbiltà militari, filwaqt li jkompli jirrikonoxxi u jappoġġa r-rwol ewlieni ta' gwida u strateġiku tal-portijiet marittimi u interni tat-TEN-T tal-Ewropa, biex tkun żgurata l-kontinwità territorjali u jiġu indirizzati l-isfidi tal-portijiet li jinsabu qrib ċentri mhux tal-UE. JISSOTTOLINJA l-hteġa għal approċċ proporzjonat għar-reġjuni ultraperiferiċi permezz ta' valutazzjonijiet sistematiċi tal-impatt tal-effetti tal-proposti leġiżlattivi tal-UE fuq dawn ir-reġjuni, b'mod partikolari dwar it-tħaddim tal-portijiet tagħhom.
8. JINNOTA li l-kundizzjonijiet reġjonali madwar l-Unjoni jvarjaw b'mod konsiderevoli u jistgħu jinfluwenzaw l-implimentazzjoni tal-istrateġija b'modi differenti, inkluż il-kundizzjonijiet tax-xitwa li jaffettwaw l-operazzjonijiet; JISĦAQ fuq il-fatt li l-kundizzjonijiet tax-xitwa f'ċerti reġjuni jistgħu jaffettwaw b'mod konsiderevoli l-operat tal-portijiet u l-attivitajiet marittimi għal perjodi estiżi kull sena; JISSOTTOLINJA li huma meħtieġa tagħmir u arranġamenti operazzjonali speċifiċi biex ikunu żgurati operazzjonijiet siguri u effiċjenti matul ix-xitwa. JENFASIZZA l-valur li jitqiesu dawn il-prerekwiżiti reġjonali differenti fl-iżvilupp u l-applikazzjoni ta' miżuri rilevanti, biex tkun appoġġata implimentazzjoni effiċjenti u reżiljenti madwar l-Unjoni.

II. TISĦIĦ TAL-KOMPETITTIVITÀ, L-INNOVAZZJONI U D-DIĠITALIZZAZZJONI

9. JIRRIKONOXXI li l-kummerċ marittimu huwa minnu nnifsu globali u li l-kompetittività tiġi affettwata mill-kostijiet, l-istandards u l-kundizzjonijiet regolatorji, u JENFASIZZA l-importanza li internazzjonalment ikunu żgurati kundizzjonijiet ekwi u li jiġu indirizzati distorsjonijiet li joħorġu minn assimetriji regolatorji u Prattiki ta' pajjiżi terzi.
10. JILQA' l-prinċipji gwida stabbiliti mill-Kummissjoni għall-appoġġ mill-UE ta' proġetti portwarji f'pajjiżi terzi u JISSOTTOLINJA li tali appoġġ għandu jkun soġġett għal verifika robusta tal-kompetittività.
11. JIRRIKONOXXI r-rwol ċentrali tal-portijiet fil-kompetittività u r-reżiljenza tal-ktajjen tal-loġistika u l-esponiment tagħhom għall-kompetizzjoni internazzjonali, biex ikun żgurat li l-proġetti appoġġati mill-UE f'pajjiżi terzi iqisu l-impatt potenzjali fuq il-pożizzjoni kompetittiva tal-portijiet tal-UE.
12. JISSOTTOLINJA l-importanza li titnaqqas b'mod attiv il-burokrazija u li jiġu ssimplifikati l-proċessi u JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jidentifikaw u jimplementaw miżuri ta' simplifikazzjoni.
13. JAPPOĠĠA l-għoti ta' aċċess ġust għas-suq f'impenji internazzjonali u JAPPELLA għal kundizzjonijiet ibbilanċati u mhux diskriminatorji għall-operaturi tal-UE fi swieq portwarji ta' pajjiżi terzi.

14. JILQA' l-intenzjoni li tingħata gwida dwar il-valutazzjoni tal-investment barrani fil-portijiet tal-UE u JENFASIZZA l-importanza li jiġu applikati kontrolli b'mod li jkun ibbażat fuq ir-riskju, proporzjonat u mhux diskriminatorju, bl-applikazzjoni ta' oqfsa eżistenti, bl-evitar tad-duplikazzjoni u bl-iżgurar taċ-ċertezza legali filwaqt li tiġi salvagwardata s-sigurtà ekonomika u bl-intenzjoni li tiġi evitata s-sjieda barranija żejda jew il-kontroll ta' infrastrutturi u operazzjonijiet portwarji kritiċi, inkluż riskji relatati mal-infiltrazzjoni tal-kriminalità organizzata, speċjalment dawk rilevanti għall-mobbiltà militari u s-sigurtà ekonomika tal-Unjoni; JISSOTTOLINJA f'dan ir-rigward il-ħtieġa li jiġi salvagwardat ambjent ta' investment attraenti għall-portijiet Ewropej u li jiġi evitat li jiġu skoraġġuti investituri affidabbli; JINNOTA l-ħtieġa li jkun żgurat aċċess għar-riżorsi finanzjarji għall-implimentazzjoni tal-proġetti ta' investment fil-portijiet tal-UE.
15. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jiġu promossi l-interessi tal-UE fir-rigward tal-istandardizzazzjoni tal-portijiet f'fora internazzjonali rilevanti. JAPPELLA lill-Istati Membri biex japplikaw b'mod effettiv il-mekkaniżmi tal-iskrinjar eżistenti u jikkondividu informazzjoni rilevanti fil-livell tal-UE.
16. IFAKKAR fid-diversità fil-mudelli ta' governanza portwarja u JISSOTTOLINJA li din id-diversità għandha tiġi rispettata b'mod sħiħ.
17. JIRRIKONOXXI r-rwol li għandhom ftehimiet ta' konċessjoni u ta' kiri ta' art biex jiġi attirat l-investment u JAPPELLA għal kontinwazzjoni ta' approċċ ibbilanċat li jirrispetta l-mudelli ta' governanza portwarja eżistenti, filwaqt li tkun żgurata l-flessibbiltà, ir-reżiljenza, is-sigurtà, is-sostenibbiltà u tħaddim tajjeb tas-Suq Intern, u fl-istess waqt jiġi promoss l-iżvilupp kontinwu tal-portijiet, permezz tal-implimentazzjoni ta' firxa wiesgħa ta' investimenti.
18. JAFFERMA MILL-ĠDID li l-kompetenza nazzjonali fuq il-governanza portwarja, kif ukoll il-konċessjonijiet u l-oqfsa dwar l-użu tal-art fil-portijiet ma għandhomx jiġu affettwati minn inizjattivi futuri tal-Unjoni.
19. JIRRIKONOXXI r-rwol li qed jevolvi tal-awtoritajiet portwarji u ta' korpi amministrattivi oħra tal-portijiet bħala koordinaturi strateġiċi u JĦEĠĠEĠ l-iżvilupp ulterjuri, il-kooperazzjoni u l-prestazzjoni effettiva tagħhom f'konformità mal-governanza nazzjonali u l-istrutturi ta' sjieda.
20. JISSOTTOLINJA l-importanza tal-finanzjament għall-infrastruttura portwarja bażika li tkun miftuħa għall-użu ġenerali (bħal breakwaters, it-tħammil ta' kanali ta' aċċess, enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, infrastruttura għal fjuwil alternattiv, mollijiet aċċessibbli għall-pubbliku u aċċess stradali u ferrovjarju komuni fiż-żona portwarja) li jkollha valur miżjud pubbliku għoli u JISTIEDEN lill-Kummissjoni, fil-kuntest tar-rieżami tal-qafas tal-għajjnuna mill-Istat, biex tqis dawk l-elementi sabiex tappoġġa l-vijabbiltà ekonomika u l-kompetittività tal-portijiet; Għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-portijiet interni u l-portijiet iżgħar, is-sistemi portwarji periferali u dawk tal-gżejjer, li sikwit jiffaċċaw diskrepanzi strutturali fl-investment u kapacià limitata li jiġġeneraw id-dħul.

21. JISTIEDEN lill-Kummissjoni, meta tkun qed tirrevedi r-Regolament Ġenerali ta' Eżenzjoni ta' Kategorija (GBER), biex tadatta l-kamp ta' applikazzjoni (kategoriji ta' għajnuna), il-livelli limitu u l-perċentwal tal-intensità tal-għajnuna tal-għajnuna għall-portijiet li jgawdu minn eżenzjoni ta' kategorija biex jirriflettu aħjar il-kostijiet reali aġġustati mal-inflazzjoni tal-investimenti meħtieġa għad-diġitalizzazzjoni, iċ-ċibersigurtà, it-tranżizzjoni tal-enerġija, is-sikurezza, is-sigurtà, il-bidla modali u l-mobbiltà b'użu doppju; JISTIEDEN lill-Kummissjoni tiżgura s-simplifikazzjoni u ċ-ċertezza legali, filwaqt li tevita piż amministrattiv addizzjonali; JISTIEDEN lill-Kummissjoni tiżgura intensitajiet oġhla ta' għajnuna u proċeduri simplifikati għall-portijiet.
22. JILQA' l-impenn tal-Kummissjoni li tissimplifika l-piż regulatorju filwaqt li tissalvagwardja l-protezzjoni ambjentali, inkluż billi tirrevedi l-Att Delegat dwar it-Tassonomija fir-rigward tal-Klima biex ittejjeb l-użabilità u r-Regolament propost dwar it-tħaffif tal-valutazzjonijiet ambjentali, li jaċċelleraw il-valutazzjonijiet permezz tad-diġitalizzazzjoni, skadenzi iqsar u proċeduri kkombinati.
23. JIEĦU NOTA tal-prinċipji komuni għall-finanzjament tal-UE u JISSOTTOLINJA li dawn għandhom jissimplifikaw il-proċeduri, jevitaw burokrazija addizzjonali u jibqgħu newtrali fir-rigward tal-mudelli ta' governanza u ta' konċessjoni jew l-arranġamenti kuntrattwali, biex jirrispettaw id-diversità tas-sistemi nazzjonali, filwaqt li jiżguraw aċċess ekwu għall-opportunitajiet ta' finanzjament għall-portijiet ta' daqsijiet differenti u b'sitwazzjonijiet ġeografiċi differenti.
24. JAFFERMA MILL-ĠDID l-ħtieġa li jsir użu minn varjetà ta' sorsi ta' finanzjament għall-investimenti li jibbenefikaw minnhom il-portijiet tal-UE. Tali sorsi ta' finanzjament jinkludu sorsi tal-UE, dawk nazzjonali u privati, kif ukoll il-finanzjament li jiġi minn kooperazzjoni ma' banek u istituzzjonijiet finanzjarji promozzjonali nazzjonali. F'dan ir-rigward, l-għan huwa li jiġi appoġġat l-iżvilupp tagħhom f'diversi oqsma funzjonali bħas-sigurtà, iċ-ċibersigurtà, id-difiża, it-tranżizzjoni tal-enerġija, id-dekarbonizzazzjoni, il-kurituri tat-tbaħħir ekoloġiku u teknoloġiji moderni, filwaqt li tkun enfasizzata l-importanza li jitqiesu kundizzjonijiet lokali fl-għoti ta' appoġġ finanzjarju lil portijiet individwali u filwaqt li jiġu rikonoxxuti l-karatteristiċi speċifiċi tagħhom li joħroġu, fost l-oħrajn, mill-pożizzjonijiet uniċi tagħhom, inkluż limitazzjonijiet tal-insularità jew l-esponiment għoli għal theddid estern ta' natura militari u ġeopolitika, li jistgħu jiddeterminaw ħtiġijiet ta' investiment partikolari.
25. JISTIEDEN koordinazzjoni u trasparenza mtejba fl-istrumenti ta' finanzjament tal-UE, li jiżguraw flessibbiltà, koerenza, aċċessibbiltà u allinjament mal-prijoritajiet għall-portijiet tal-UE.

26. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni istituzzjonali fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politika tal-UE dwar il-portijiet. Dan japplika b'mod partikolari f'oqsma bħall-kontroll tal-investment barrani dirett, il-monitoraġġ tal-konċentrazzjoni tas-suq u l-koordinazzjoni tal-Global Gateway, filwaqt li jitqiesu inizjattivi ta' benefiċċju reċiproku ma' pajjiżi terzi u JISTIEDEN lill-Kummissjoni tesplora għażliet biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni portwarja fil-livell tal-UE, inkluż billi tibni fuq u, fejn xieraq, issaħħaħ il-fora eżistenti, inkluż permezz tal-involvement tal-awtoritajiet tas-sigurtà interna u tal-infurzar tal-liġi, fejn xieraq. F'dan ir-rigward, l-għan huwa li jinħoloq spazju ddedikat għal fehim reċiproku u azzjoni konġunta bħala difiża tal-interess komuni Ewropew tal-portijiet mingħajr preġudizzju għall-kompetizzjoni ġusta bejn il-portijiet u mingħajr ma jiġu imposti piżijiet ġodda fuq l-Istati Membri jew il-Kummissjoni.
27. JISSOTTOLINJA l-importanza strateġika dejjem tikber ta' monitoraġġ tal-investment barrani dirett f'portijiet li jinsabu f'pajjiżi terzi, partikolarment dawk fil-viċinat tal-Unjoni, fid-dawl tal-impatt potenzjali tagħhom fuq il-kompetittività tal-portijiet tal-Unjoni, l-iżvilupp ta' ċentri ta' trażbord, il-mobbiltà militari, u r-reżiljenza u s-sigurtà tal-ktajjen tal-provvista.
28. JINNOTA r-rieżami tal-linji gwida tal-UE dwar il-fużjonijiet u JISĦAQ fuq il-ħtieġa li tkun ippreservata kompetizzjoni effettiva filwaqt li jitqiesu l-istrutturi tas-suq li qed jevolvu, inkluż l-integrazzjoni vertikali, li tista' ssaħħaħ il-prevedibbiltà tal-iżvilupp tat-traffiku u tipprovdi appoġġ għal strateġiji ta' investment fit-tul.
29. JISĦAQ fuq l-importanza li l-portijiet jiġu integrati aktar fit-TEN-T permezz ta' konnessjonijiet imsaħħa maż-żoni interni ta' portijiet marittimi, inkluż f'żoni ultraperiferiċi, kif ukoll permezz tal-integrazzjoni multimodali ta' portijiet interni, u JAPPELLA għall-prijoritizzazzjoni tal-konnettività ferrovjarja, dik tat-triq b'użu doppju u dik tal-passaġġi fuq l-ilma interni, inkluż is-salvagwardja tan-navigabbiltà, l-affidabbiltà ta' kanali navigabbli u l-operabbiltà tal-baċir tal-port f'passaġġi fuq l-ilma interni ewlenin, kif ukoll konnessjonijiet tal-aħħar mil reżiljenti u effiċjenti, fejn dan ikun ġeografikament fattibbli. Il-promozzjoni ta' bidla modali għandha tkun prijorità, iżda meta t-triq tkun l-unika mezz ta' konnettività tat-trasport disponibbli għan-network tat-triq għandha wkoll tiġi żgurata, partikolarment għall-portijiet iżgħar.
30. JISSOTTOLINJA l-importanza ta' kapaċità u kwalità infrastrutturali adatta u JĦEĠĠEĠ żvilupp imsaħħaħ tal-infrastruttura relatata mal-portijiet, inkluż rabtiet multimodali u portijiet niexfa, kif xieraq, minbarra attivitajiet ta' investment infrastrutturali direttament immirati għall-portijiet.

31. JISSOTTOLINJA l-importanza li tissaħħaħ il-multimodalità u li l-portijiet jiġu integrati fi ktajjen loġistiċi, kif ukoll li jiġi żgurat l-iżvilupp u l-użu effettiv ta' innovazzjoni diġitali u teknoloġika, bħala fatturi essenzjali għall-effiċjenza, ir-reżiljenza u l-kompetittività tas-sistema portwarja Ewropea.
32. JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li ssaħħaħ l-effiċjenza u d-diġitalizzazzjoni tal-operazzjonijiet tal-portijiet u tal-ktajjen loġistiċi, kif ukoll li tkompli tappoġġa l-bidla modali, u JAPPELLA li tingħata attenzjoni partikolari għall-istatus ta' żoni portwarji fid-dawl tal-operazzjonijiet ferrovjarji mwettqa fihom, bl-għan li jiġu ssimplifikati u msaħħa l-flessibbiltà tal-operazzjonijiet ferrovjarji fil-portijiet biex b'hekk jitnaqqas il-ħin ta' stennija u tiġi ottimizzata l-kapaċità operazzjonali, filwaqt li jiġu rispettati r-rekwiżiti ta' sikurezza u sigurtà, u tiġi prijoritizzata t-tranżizzjoni ekoloġika; JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tivvaluta l-adegwatezza tal-qafas regolatorju eżistenti f'dan ir-rigward.
33. JIRRIKONOXXI li l-portijiet pubbliċi interni u marittimi li jinsabu fin-network TEN-T jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-konnettività multimodali, ir-reżiljenza tal-katina tal-provvista, it-tranżizzjoni tal-enerġija, il-koeżjoni reġjonali u, fejn rilevanti, il-mobbiltà militari, u JISTIEDEN lill-Kummissjoni u l-Istati Membri biex iqisu dawn il-funzjonijiet, fejn xieraq, fl-implimentazzjoni ta' strumenti u oqfsa ta' politika tal-UE eżistenti.
34. JILQA' l-proposta għal Regolament dwar il-Mobbiltà Militari u JAPPELLA għall-implimentazzjoni rapida tiegħu, li jiżgura appoġġ adatt u flessibbli għall-infrastruttura portwarja b'użu doppju u għal tagħmir relatat, inkluż finanzjament effiċjenti li jirrifletti r-realtajiet attwali u d-domanda dejjem tikber għal infrastruttura tal-portijiet ippreparata b'mod adegwat li tkun kapaċi timmaniġġa provvisti strateġiċi, trasporti militari u operazzjonijiet relatati oħra. IFAKKAR fl-importanza li jiġu implimentati l-azzjonijiet stabbiliti fil-Wegħda ta' Mobbiltà Militari 20249.
35. JILQA' l-isforzi biex tissaħħaħ it-tmexxija teknoloġika u biex jiġi appoġġat l-użu tal-innovazzjoni u JAPPELLA għal perkorsi aktar ċari biex jiżdiedu soluzzjonijiet diġitali u teknoloġiċi fil-portijiet.
36. IĦEĠĠEĠ l-iżvilupp ta' inizjattivi diġitali tal-UE u JAPPELLA għall-implimentazzjoni effettiva u armonizzata tagħhom, filwaqt li tiġi evitata l-frammentazzjoni u rekwiżiti addizzjonali mhux meħtieġa.

⁹ Id-dokument ST 9225/24

37. JILQA' l-iżvilupp ta' linji gwida dwar il-kondiviżjoni tad-data u JISĦAQ fuq l-importanza tal-interoperabbiltà, il-protezzjoni tad-data u ktajjen loġistiċi effiċjenti, filwaqt li JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jkun żgurat li tali linji gwida futuri ma jimminawx il-progress li diġà nkiseb mill-operaturi u l-awtoritajiet kompetenti.
38. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li tkun żgurata koerenza bejn il-politiki u l-leġiżlazzjoni tal-UE li jaffettwaw il-portijiet u l-konnessjonijiet maż-żoni interni, inkluż il-politiki dwar il-klima, l-enerġija u t-trasport, bil-għan li jkunu evitati piżijiet kumulattivi regolatorji u finanzjarji li x'aktarx jaffettwaw il-kompetittività tal-portijiet tal-UE.

III. TRANŻIZZJONI TAL-ENERĠIJA, SOSTENIBBILTÀ U INDUSTRIJI NODFA

39. JIRRIKONOXXI li l-portijiet qed isiru ċentri strateġiċi tal-enerġija u industrijali u għandhom rwol ewlieni fid-dekarbonizzazzjoni u fit-tranżizzjoni tal-enerġija tal-ekonomija u s-soċjetà tal-Ewropa.
40. JILQA' l-appoġġ għall-provvista tal-enerġija fuq l-art u JISSOTTOLINJA li l-varar għandu jimmira għall-vijabbiltà ekonomika, il-kompetittività u l-allinjament mad-domanda, filwaqt li jiżgura t-trasparenza tal-prezzijiet u jevita assi mhux rekuperabbli, filwaqt li jqis ukoll l-isfidi relatati mal-konnettività tal-grilja tal-portijiet tat-TEN-T, u jirrikonoxxi li għall-portijiet interni, soluzzjonijiet alternattivi bħall-infrastruttura tal-iċċarġjar max-xatt jistgħu jkunu aktar xierqa.
41. JINNOTA li l-kostijiet tal-OPEX¹⁰ tal-OPS¹¹ ivarjaw skont id-differenzi fl-ipprezzar tal-elettriku u l-kumplessitajiet operazzjonali diverġenti; JAPPOĠĠA inizzjattivi li jinċentivaw l-użu tal-OPS; jistieden lill-Istati Membri jirrikonoxxu l-elettriku mill-OPS bħala komponent strateġiku tat-tranżizzjoni tal-enerġija billi jintegrawh bis-sħiħ fil-miri nazzjonali, l-iskemi ta' appoġġ u l-ippjanar skont id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli¹² (RED).
42. JAPPELLA għall-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Elettrifikazzjoni biex jappoġġa t-tmexxija tal-portijiet tal-UE dwar l-elettrifikazzjoni marittima, inkluż integrazzjoni msaħħa tal-grilja.
43. JAPPELLA għall-promozzjoni ta' soluzzjonijiet ta' grilji intelliġenti, il-ġestjoni tad-domanda u l-użu effiċjenti tal-infrastruttura eżistenti.

¹⁰ Spejjeż Operatorji (OPEX)

¹¹ Provvista tal-Enerġija fuq l-Art (OPS)

¹² Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (riformulazzjoni)
<http://data.europa.eu/eli/dir/2018/2001/2024-07-16>

44. JIRRIKONOXXI r-rwol tal-portijiet fi fjuwils alternattivi u enerġija nadifa u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju kif ukoll il-kontribut tal-portijiet tat-TEN-T biex jiġu avvanzati l-kuritur tat-tbaħħir ekoloġiku ma' pajjiżi terzi; JISTIENEN allinjament aktar b'saħħtu bejn it-TEN-T, it-TEN-E u l-oqfsa ta' ppjanar nazzjonali, li jirriflettu b'mod espliċitu l-ħtiġijiet tan-network tal-elettriku u tal-gass fuq l-art marbuta mad-dekarbonizzazzjoni tal-portijiet u l-provvista tal-fjuwil, inkluż għal infrastrutturi portwarji ta' aktar minn tip wieħed ta' fjuwil u lesti għall-idroġenu.
45. IFAKKAR fl-importanza li jiġi ffaċilitat u prijoritizzat l-użu tal-grilja għall-portijiet u li jiġu żgurati konnessjonijiet f'waqthom u effiċjenti għal proġetti relatati mal-portijiet.
46. JIRRIKONOXXI r-rwol tal-portijiet f'termini tad-definizzjoni tal-kundizzjonijiet xierqa li taħthom fjuwils alternattivi b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u mingħajr emissjonijiet tal-karbonju jistgħu jinħażnu, jiġu forniti u mmaniġġati b'mod prattiku u sikur fiż-żoni portwarji differenti, filwaqt li jitqiesu r-restrizzjonijiet operazzjonali u spazjali tagħhom, kif ukoll ir-rwoli rispettivi tagħhom biex jiffaċilitaw u jippruvaw jattiraw investimenti li jikkorrispondu għad-domanda (pereżempju permezz ta' kollaborazzjonijiet f'kuritur ekoloġiċi, ċentri u pjattaformi pubbliċi-privati transsettorjali). JIRRIKONOXXI r-rwol kruċjali tas-suq fl-iżvilupp ta' katina tal-provvista ta' fjuwil nadif fiż-żoni portwarji u JILQA' miżuri ulterjuri biex tiġi inċentivata d-domanda għal fjuwils sostenibbli li twassal biex jiġu żgurati d-disponibbiltà, l-iskalabbiltà u l-affordabbiltà tagħhom.
47. JAPPELLA għal kooperazzjoni msaħħa bejn il-portijiet, ir-raggruppamenti industrijali u ż-żoni interni tagħhom biex jiġu appoġġati t-tranżizzjoni tal-enerġija, l-industriji nodfa u s-soluzzjonijiet tal-ekonomija ċirkolari u JAPPELLA għal appoġġ attiv dwar permessi aċċellerati u l-konnettività tal-grilja biex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' dawn ir-raggruppamenti industrijali fiż-żoni tal-portijiet jew konnessi magħhom.
48. IFAKKAR fl-importanza li d-dħul mill-ETS jintuża għal skopijiet relatati mal-klima u JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri, f'konformità mal-prijoritajiet nazzjonali, biex jappoġġaw id-dekarbonizzazzjoni tas-settur marittimu tul il-katina tal-valur, inkluż il-kumpaniji tat-tbaħħir, it-tarzni, il-proġetti ta' modifika retroattiva, il-manifatturi tat-tagħmir, il-fornituri tat-teknoloġija, il-fornituri tal-fjuwil u l-portijiet, u JHEĠĠEGĠ lill-Istati Membri biex jagħmlu użu mid-dħul iġġenerat mill-inklużjoni tat-tbaħħir fl-EU ETS biex jappoġġaw it-tranżizzjoni tal-enerġija tas-settur, inkluż it-tiġdid tal-flotta, il-modifika retroattiva ekoloġika, is-servizzi tat-trasport marittimu tal-gżejjer, il-fjuwils alternattivi u l-infrastruttura tal-enerġija tal-portijiet.
49. JINNOTA l-aġġornamenti u r-rieżamijiet li ġejjin tal-leġiżlazzjoni rilevanti inkluż l-EU ETS u r-Regolament FuelEU Maritime u l-importanza tagħhom għall-kompetittività tal-portijiet u l-kontribut għall-kisba tal-oġġettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni u l-miri klimatiċi tagħha; JAPPELLA għal approċċ koordinat u valutazzjoni tal-impatt akkumulat ta' kwalunkwe regola ġdida jew riveduta.

50. JINNOTA t-tfassib espress minn diversi Stati Membri rigward l-impatt tal-ETS fuq il-kompetittività tal-portijiet tal-UE, b'mod partikolari fir-rigward tad-devjazzjoni tat-traffiku, ir-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju u r-rilokazzjoni tal-investimenti, u JFAKKAR fl-obbligu tal-Kummissjoni skont id-Direttiva dwar l-ETS li timmonitorja l-implimentazzjoni tal-ETS għall-attivitajiet tat-trasport marittimu biex tiġi identifikata mġiba evażiva sabiex tali mġiba tiġi evitata fi stadju bikri; JENFASIZZA l-ħtieġa ta' miżuri xierqa biex jiġu mmitigati dawn ir-riskji, b'kunsiderazzjoni speċjali għar-reġjuni ultraperiferiċi, filwaqt li jitqies l-esponiment tal-portijiet tal-UE għall-kompetizzjoni internazzjonali u r-rwol tagħhom fil-ktajjen loġistiċi globali, kif ukoll għar-reġjuni gżejjer u periferali; JISTIEDEN lill-Kummissjoni żżid il-monitoraġġ tagħha u tipproponi miżuri korrettivi mmirati, speċjalment dwar l-attivitajiet ta' trażbord, filwaqt li tippreserva l-ambizzjoni ambjentali u tiżgura l-koerenza mal-oqfsa internazzjonali, bħall-qafas tal-OMI. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tagħti l-appoġġ kollu tagħha bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim globali li jilħaq l-għanijiet u l-oġettivi kollha għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-Istrateġija tal-OMI tal-2023, segwit minn adattamenti xierqa għal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE sabiex jiġu evitati b'mod effettiv il-pagamenti finanzjarji doppji u l-piżijiet amministrattivi.
51. IFAKKAR fl-importanza li jiġu appoġġati l-investimenti fit-teknoloġiji u l-infrastruttura tad-dekarbonizzazzjoni u tat-tranżizzjoni tal-enerġija fil-portijiet b'mod teknoloġikament newtrali. Għalhekk, il-portijiet jenħtieġ li jkollhom aċċess għall-appoġġ biex ikunu jistgħu jilqgħu l-isfidi tal-użu ta' teknoloġiji tal-enerġija nadifa, bħal infrastrutturi eoliċi, solari u tal-mewġ galleġġanti għall-ġenerazzjoni ta' enerġija nadifa u rinnovabbli, u b'hekk jassistu lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati fil-bini ta' għarfien espert Ewropew ġenwin, fit-tiħiħ tal-indipendenza enerġetika tal-UE u fit-tiħiħ tal-impjiegi.
52. JAPPOĠĠA l-isforzi biex tiġi ssimplifikata l-implimentazzjoni tal-qafas regolatorju, filwaqt li tiġi ssalvagwardata l-protezzjoni ambjentali. F'dan ir-rigward, l-għan għandu jkun li tiġi evitata d-duplikazzjoni u jiġi żgurat approċċ koerenti u transsettorjali sabiex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp tal-portijiet, b'mod partikolari fir-rigward tal-proċeduri għall-għoti ta' permessi u f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.
53. JILQA' l-iżvilupp ta' qafas ta' reżiljenza għall-klima, inkluż għodod għall-valutazzjoni tar-riskji klimatiċi; JISĦAQ fuq il-ħtieġa ta' reżiljenza għall-klima tal-infrastruttura tal-portijiet filwaqt li jiġi evitat it-trasferiment tar-riskji lejn il-bliet, l-industrija jew l-infrastruttura fil-qrib; JISĦAQ fuq il-ħtieġa li jiġi żviluppat qafas għall-Unjoni kollha għall-valutazzjoni tar-riskji klimatiċi fil-portijiet, inkluż in-nixfa, il-livelli baxxi tal-ilma, l-għargħar u l-volatilità idromorfoloġika tax-xmajjar li jaffettwaw il-portijiet interni, u għall-identifikazzjoni ta' miżuri ta' adattament prijoritarju, li jibnu fuq il-politiki u l-għodod eżistenti dwar il-klima, it-tassonomija u r-reżiljenza.

IV. PROTEZZJONI U SIGURTÀ TAL-PORTIJJET

54. JIRRIKONOXXI l-firxa dejjem akbar ta' theddid għas-sigurtà li jaffettwa l-portijiet u l-ħtieġa li jiżdiedu s-sigurtà u r-reżiljenza tal-infrastrutturi tal-portijiet.
55. JISSOTTOLINJA l-importanza li l-Istrateġija tiġi sinkronizzata mingħajr xkiel mal-attivitajiet fil-qasam tal-mobbiltà militari biex jittejjbu, jiġu ffaċilitati u aċċellerati skjeramenti kbar ta' truppi u riżorsi mill-Istati Membri tal-UE u pajjiżi terzi, filwaqt li tiġi żgurata l-koerenza mal-isforzi mwettqa fil-qafas tan-NATO. JENFASIZZA wkoll il-ħtieġa li jiġu żgurati riżorsi għal xogħlijiet ta' infrastruttura f-portijiet li jinsabu fil-kurituri tal-mobbiltà militari tal-UE.
56. GĦALHEKK, JIKKUNSIDRA TA' VALUR li ssir riflessjoni dwar ir-relazzjonijiet ta' sjieda tal-elementi tal-infrastruttura tal-portijiet biex jiġi żgurat aċċess rapidu għaż-żoni tal-port, b'kont meħud tal-ispezzjonijiet u l-awditi kif ukoll il-moviment ta' tagħmir militari u kwistjonijiet oħra importanti mill-perspettiva tal-iżgurar tas-sigurtà tal-UE.
57. JISSOTTOLINJA l-importanza li l-Istrateġija Portwarja tenfasizza theddid ġdid u li qed jiżdied għall-portijiet, inkluż it-terroriżmu, is-sabotaġġ, il-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni, l-attakki ċibernetiċi u ibridi u d-droni u sistemi oħra mingħajr bdot abbord.
58. JILQA' l-isforzi biex jissaħħu l-oqfsa tas-sigurtà marittima u jiġi indirizzat it-theddid emerġenti. JINNOTA l-proposta li jmiss għal qafas tal-UE biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fir-rigward tal-verifika tal-preċedenti personali għall-ħaddiema tal-portijiet, bħala għodda bbażata fuq ir-riskju għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u attivitajiet illeċiti. ITENNI l-ħtieġa li jiġu żviluppatti linji gwida biex jiġi ċċarat il-Kodiċi Internazzjonali għas-Sigurtà tal-Vapuri u tal-Faċilitajiet tal-Portijiet (ISPS) bħala l-qafas internazzjonali fundamentali biex jiġi indirizzat it-theddid dejjem jikber mill-kriminalità organizzata u l-kummerċ illeċitu.
59. JILQA' l-inizjattivi għall-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni, kif ukoll it-terroriżmu, is-sabotaġġ, l-attakki ċibernetiċi u ibridi u d-droni, JISSOTTOLINJA l-importanza tal-Alleanza tal-Portijiet Ewropej fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u t-traffikar tad-droga; JAPPOĠĠA miżuri ta' sigurtà proporzjonati u effettivi, li jqisu r-realtajiet operazzjonali u jevitaw piżijiet bla bżonn. Għodod ġodda u mtejjba għall-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u kooperazzjoni msaħħa ma' pajjiżi barra mill-UE huma importanti.
60. JILQA' l-kooperazzjoni msaħħa ma' pajjiżi terzi u sħab internazzjonali biex tissaħħaħ is-sigurtà tal-portijiet, inkluż fil-portijiet interni.

61. JAPPELLA għall-implimentazzjoni fl-UE kollha tal-leġiżlazzjoni rilevanti dwar iċ-ċibersigurtà u kooperazzjoni msaħħa bejn l-awtoritajiet kompetenti. Dan jeħtieġ li jinkludi skambju reċiproku ta' data fost l-awtoritajiet (ta' sigurtà) rilevanti, b'mod partikolari l-kondiviżjoni ta' informazzjoni bejn il-pulizija, id-dwana, l-awtoritajiet portwarji u dawk marittimi biex jissaħħu l-prevenzjoni, id-detezzjoni u l-ġlieda effettiva kontra l-kriminalità organizzata u atturi ostili potenzjali oħra fil-portijiet. JILQA' l-istabbiliment previst tal-Pjattaforma tad-Data Doganali tal-UE, għall-ġbir, l-ipproċessar u l-iskambju tad-data mal-awtoritajiet doganali u bejniethom, kif ukoll is-sistema ta' Single Window Marittima Ewropea (EMSWe) eżistenti li jiżguraw ġestjoni avvanzata tar-riskju tal-merkanzija.
62. JIRRIKONOXXI r-rwol vitali li għandhom il-portijiet kemm fil-mobbiltà militari kif ukoll fir-reżiljenza, peress li huma faċilitaturi essenzjali tal-moviment ta' truppi u tagħmir militari, filwaqt li fl-istess ħin iservu bħala gateways ċivili vitali għall-kummerċ, il-provvista tal-enerġija u l-konnettività madwar l-Ewropa.
63. JISSOTTOLINJA li kwalunkwe inizjattiva futura għall-protezzjoni u s-sigurtà tal-portijiet, inkluż il-qafas li jmiss għall-mobbiltà militari, trid tibbilanċja bir-reqqa r-rekwiżiti tas-sigurtà u dawk militari mal-kontinwità tal-attivitajiet ċivili u kummerċjali, u tiżgura aċċess prijoritarju għaż-żoni tal-portijiet, jekk ikun meħtieġ; JIRRIKONOXXI li l-portijiet jeħtieġu kapaċità u riżorsi finanzjarji suffiċjenti biex jirrispondu għal xokkijiet ġeopolitiċi u sitwazzjonijiet straordinarji li jistgħu jinqalgħu.

V. KOEŻJONI SOĊJALI, HILJET U IMPJEGI TA' KWALITÀ

64. JIRRIKONOXXI r-rwol tal-portijiet bħala faċilitaturi vitali għall-iżvilupp ekonomiku, ir-reżiljenza, il-koeżjoni soċjali u territorjali tal-Unjoni. JENFASIZZA l-importanza tal-portijiet żgħar u ta' daqs medju f'dan ir-rigward, inklużi dawk fuq gżejjer, fregġuni remoti u ultraperiferiċi, f'żoni skarsament popolati, u dawk li jirfdu r-reżiljenza strateġika u loġistika.
65. JILQA' l-fatt li l-Istrateġija Portwarja Ewropea tapplika b'mod espliċitu għall-portijiet interni; JENFASIZZA l-kontribut tal-portijiet interni għal-loġistika transfruntiera intra-Ewropea u l-manutenzjoni tal-ktajjen tal-provvista; JISĦAQ li ħafna rekwiżiti (eż. fir-rigward tal-provvista tal-enerġija fuq l-art) huma primarjament imfassla għat-tbaħħir marittimu u li l-parametri tekniċi u ekonomiċi speċifiċi tal-portijiet interni kellhom jingħataw kunsiderazzjoni saħansitra akbar; JISSOTTOLINJA l-importanza tal-aċċess għall-istrumenti ta' finanzjament għall-portijiet interni; JAPPELLA għal rappreżentanza xierqa tal-portijiet kollha fil-Bord għall-Industriji Marittimi u l-Portijiet ta' livell għoli ippjanat.

66. JILQA' r-rikonoxximent tal-Istrateġija Portwarja tal-UE tal-portijiet marittimi bħala gateways ewlenin għall-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' merkanzija tal-UE, u b'hekk prijoritizzazzjoni qawwija tal-konnettività u l-kompetittività globali tal-Unjoni.
 67. JISSOTTOLINJA li huma meħtieġa miżuri effettivi ta' adattament tal-forza tax-xogħol, taħriġ mill-ġdid u taħriġ operazzjonali, biex jiġi żgurat li t-trasformazzjoni teknoloġika twassal għall-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità, ittejjeb is-sikurezza tal-forza tax-xogħol u tagħmel is-settur aktar attraenti għan-nisa u ż-żgħażaġh.
 68. JISSOTTOLINJA l-importanza li jiġi żgurat ambjent tax-xogħol sigur għall-ħaddiema tal-portijiet, b'mod partikolari fid-dawl taż-żieda fir-riskji għas-sigurtà u r-rwol ewleni tal-portijiet fil-mobbiltà militari u JAPPELLA għal taħriġ u eżerċizzji regolari.
-